MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**ONOR. IMHALLEF**
**PHILIP SCIBERRAS**

Seduta tat-23 ta' Jannar, 2004

Appell Civili Numru. 911/2000/1

**Fairs & Exhibitions Limited**

**vs**

**Silvio Vassallo f'ismu proprju u ezercenti l-kummerc taht l-isem Jewellery Kingdom**

**Il-Qorti,**

Fil-31 ta' Jannar, 2003 il-Qorti Civili tal-Magistrati ppronunzjat is-segwenti sentenza fl-ismijiet premessi:-

"Il-Qorti,

Rat l-avviz permezz ta' liema tal-atturi talbu l-kundanna tal-konvenut proprio et nomine sabiex jhallas lis-socjeta attrici s-somma ta' Lm718 seba mija u tmintax-il Lira, rappresentanti bilanc minn somma akbar dovuti ghal servizzi minnhom ipprovduti fuq istruzzjonijiet tieghu.

Bl-imghax legali mill-1 ta' Dicembru 1998 u bl-ispejjez inkluzi dawk tal-ittra ufficjali tat-13 ta' Settembru 1999 u dawk ta' Lm10 ghall-konsult, kontra l-konvenut li gie ngunt ghas-subizzjoni.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenut fejn eccepixxa illi:

1 In linea preliminari, huwa mhuwiex il-legittimu kontradittur;

2 Fit-tieni lok u minghajr pregudizzju ghas-suespost, it-talbiet attrici huwa preskritti a tenur ta' l-Artikolu 2148 (a) tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

3 Fil-mertu, il-konvenut ma ghandu jhallas xejn lill-attur;

4 Salvi eccezzjonijiet ulterjuri jekk jkun il-kaz.

Semghet ix-xhieda prodotti;

Semghet it-trattazzjoni tad-difensur tal-konvenut;

Rat id-dokumenti esebiti;

Rat l-atti kollha tal-process; u

Ikkunsidrat:-

Illi ghal dak li jirrigwarda l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni sollevata mill-konvenut, specifikata bhala dik ikkontemplata fl-Artikolu 2148 subinciz A tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta, ghandu jinghad mill-ewwel illi din tirreferi ghal preskrizzjoni ta' azzjonijiet ta' hajjata, skrapar, mastrudaxxi, bennejja, bajjada, haddieda, argentiri, arloggara u ta' persuni ohra li jahdmu sengha jew arti mekkanika ghal prezz ta' l-opri jew tax-xogholijiet taghhom jew tal-materjal li jfornu.

Illi mit-termini tal-avviz u mid-deposizzjonijiet tax-xhieda prodotti mill-attur jirrizulta illi l-ammont  li qeghedin jippretendu l-atturi ma jirrigwarda ebda prezz ta' opri jew ta' xogholijiet u materjal illi fornew lil l-atturi, izda huwa stabbilit illi din il-kawza tirrigwarda biss il-hlas ta' kera ghal spazju moghti lill-konvenut biex jista' jesponi l-prodotti tieghu fil-'Weddings Fair' tal-1998 senjatament bejn il-granet il-5 u t-8 ta' Novembru tas-sena 1998.

Ghaldaqstant definittivament il-preskrizzjoni opposta ma tirreferix ghall-azzjoni ezercitata mill-atturi u ghaldaqstant il-Qorti qieghda tirrespingi l-eccezzjoni li tirrigwarda l-preskrizzjoni.

Ghal dak li jirrigwarda l-mertu jirrizulta illi ghall-ispazju effettivament mikri lill-konvenut huwa kellu ihallas is-somma ta' Lm1026 (elf u sitta u ghoxrin lira Maltin) kif indikat fl-invoice a fol 22 (tal-process), izda l-atturi minn dan l-ammont ghamlu tpacija ta' somma ta' Lm280 (mitejn u tmenin lira Maltin) ghal kreditu li l-konvenut kellu fil-konfront ta' l-atturi ghal xi oggetti lilhom mibjughin u kkonsenjati u hadu in konsiderazzjoni  wkoll is-somma ta' Lm100 (mitt lira Maltin) illi l-konvenut kien hallas akkont tal-ammont minnhu dovut.

Min-naha tieghu l-konvenut jikkontesta li m'ghandux jaghti dan l-ammont fl-ewwel lok minhabba li jippretendi illi l-ispazju lilhu moghti ma kienx  fejn huwa ppretenda li jinghata, u anke minhabba ukoll xi danni li sofra minhabba l-pressjoni li saret fuqhu biex izarma l-istand fi zmien iqsar minn dak illi kienet tirrikjedi l-arti w is-sengha.

Evidentement ghar-rigward ta' din il-kontestazzjoni, anke ghal dik dwar xi danni, il-Qorti ma tistax tiehu konjizzjoni taghha, billi ma saret ebda kontro talba f'dan is-sens u ma jirrizultax li saru xi proceduri ulterjuri li fihom il-konvenut gie kannonizzat kreditur  tal-atturi f'xi ammont ta' danni.

Ghal dak li jirrigwarda wkoll l-allegazzjoni illi l-ispazju lilhu akkordat ma kienx  fejn kien mistenni, ma rrizultawx provi sodisfacenti; anzi jirrizulta illi l-konvenut ma ghamel ebda ilment, anzi kien ikkostruixxa l-istand tieghu fl-ispazju lilhu

moghti, ghamel uzu minn dan l-ispazju u effettivament illum ghandhu jigi ritenut li obbligat li jhallas l-ammont miftiehem ghall-ispazju lilhu moghti u minnhu accettat.

Izda l-konvenut ikompli jikkontesta t-talba attrici billi jsostni illi  l-akkordju li sar bejnhu u l-atturi ma kienx intiz li qed isir mieghu personali, izda mieghu bhala direttur u rapprezentant tal-kumpanija "Jewellery Kingdom Company Limited".

Ghalhekk jispetta lill-konvenut  biex igib provi bizzejjed li jikkonvincu lill-Qorti illi l-atturi kienu konxji illi l-kuntatti w il-ftehim li saru mal-konvenut ma kienux qed isiru mieghu personalment izda mieghu fil-kwalita tieghu ta' direttur u rapprezentant tal-kumpanija illi huwa jirrapprezenta.

Dan qed jinghad peress illi,  kemm fl-applikazzjoni ghall-istand, kif ukoll anke fl-ircevuta illi irrikonoxxiet il-pagament ta d-depositu illi ghamel il-konvenut, ma saret ebda riferenza ghal xi kumpanija kummercjali li ghandha personalita guridika separata u distinta mill-membri taghha, izda saret riferenza biss ghad-ditta 'Jewellery Kingdom' u anzi gie indikat fl-applikazzjoni stess li ghamel il-konvenut li n-*"name of firm"* hija  "**Jewellery Kingdom**" .

Ghalhekk il-konvenut irid jipprova illi, nonostante li huwa ma indika ebda kumpanija specifika bhala mandanti tieghu u nonostante li espressament eskluda tali kumpanija fl-applikazzjoni, l-atturi kienu jew kellhom ikunu certi li ma kienux qed jghamlu ebda ftehim mal-konvenut personalment.

Ghandhu jigi ukoll rilevat illi anke fil-kuntratt (dokument PC 4), illi gie ikkomunikat mill-atturi lilll-konvenut ghalkemm dan baqa' ma ffirmahx, l-indikazzjoni hija illi l-ftehim qed isir mal-konvenut ezercenti l-kummerc taht isem ta ditta mhux ma xi kumpanija kummercjali li hija persuna guridika separata w distinta mill-membri taghha.

Fid-deposizzjoni tieghu, il-konvenut isostni illi l-atturi qatt ma nterpellaw biex jaghmel xi  pagament u ghalhekk ma setghax jinfurmahom illi d-debitur ma kienx hu personali

izda xi kumpanija illi kien jirrapprezenta. Inoltre, in sostenn ta’ din l-eccezzjoni tieghu, pprezenta invoice mahruga mill-kumpanija tieghu tas-17 ta’ Dicembru 1999 (kopja a fol 38 tal-process) li tindika illi l-merkanzija mibjugha minnhu lill-atturi u li ghaliha gie akkreditat is-somma ta’ Lm280 (mitejn u tmenin lira Maltin) kienet giet spedita mill-kumpanija tieghu u rapprezentant tal-atturi kien iffirma ghal konsenja bi prova wkoll li ha konjizzjoni ta’ dan id-dokument.

Izda dan mhux bizzejjed biex iwassal ghal konvinciment illi l-atturi kienu effettivament jafu illi n-negozju li kienu qed jghamlu iktar minn sena qabel mal-konvenut kienu effettivament qed jghamluh ma kumpanija b’personalita’ guridika, separata u distinta. Inoltre jrid jigi rilevat ukoll illi l-istess dokument a fol 38 tal-process ma jirrigwardax lill-kumpanija attrici izda jirrigwarda negozju li sar ma Malta Trade Fair Corporation illi presumibilment hija wkoll persuna guridika, separata u distinta mill-kumpanija attrici.

Huwa veru pero’ illi l-oggetti mibjugha mill-kumpanija tal-konvenut spiccaw a beneficcju tal-atturi, tant li akkreditaw lill-konvenut personalment bil-prezz, izda dan il-fatt wahdu ma jistghax jitqies sufficjenti bhala prova biex twassal ghal xi konkluzjoni ulterjuri oltra dak li gie pattwit espressament bil-miktub mill-kontendenti. F’dan ir-rigward huwa ukoll opportun li jigi senjalat li l-konvenut, fuq domanda tal-Qorti, jammetti li kien konxju li, fil-mili tal-applikazzjoni, kien qed ihalli barra il-kelma “Limited”. Inoltre, nonostante li illum il-konvenut qed isserrah il-kontestazzjoni tieghu fuq il-konsegwenzi importanti tal-kelma “limited”, jistqarr li huwa kien xjentement halla din il-kelma barra fl-applikazzjoni tieghu *“ghaliex spicca l-ispazju fejn stajt nikteb”.* Evidentement dan inehhi hafna mill-affidabilita’ li tista’ tinghata l-verzjoni tal-konvenut li juri certa leggerezza fil-posizzjoni li assumi f’kuntratti kummercjali ma terzi.

Ghaldaqstant tirrespingi l-eccezzjonijiet kollha sollevati mill-konvenut u, ghar-ragunijiet indikati fl-avviz, tilqa’ t-talba attrici u tikkundanna lill-konvenut sabiex ihallas lill-

atturi s-somma mitluba ta’ Lm718 (seba’ mija u tmientax-il lira Maltin) bl-imghaxijiet legali mill-1 ta’ Dicembru 1998.

Bl-ispejjez kontra l-konvenut.”

Minn din is-sentenza appella l-konvenut proprio et nomine b’dawn l-aggravji, li tista’ tghid huma ripetizzjoni tal-eccezzjonijiet tieghu:-

1. Il-preskrizzjoni ta’ l-azzjoni ai termini tal-Artikolu 2148 (a) tal-Kodici Civili;
2. Huwa ma kienx il-legittimu kontradittur. Dan jinducih mill-fatt tal-fattura (fol 38) fl-okkazjoni ta’ meta s-socjeta` attrici xtrat xi oggetti minghandu, kif ukoll mill-fatt l-iehor illi l-istess socjeta` attrici ghamlet minn rajjha tpacija bejn l-ammont pretiz minnha u dak dovut minnha lis-socjeta` tieghu li bieghet l-oggetti lis-socjeta` attrici.
3. Is-socjeta` attrici ma ottemperatx ruhha mal-obbligi kontrattwali naxxenti mill-ftehim u ghalhekk invoka l-‘exceptio inademplenti contractus’.
4. L-ewwel Qorti ma apprezzatx bizzejjed ix-xhieda tal-konvenut.

Kwantu ghall-preskrizzjoni eccepita, li giet skartata mill-ewwel Qorti, l-appellanti ma jforni l-ebda spjegazzjoni ghaliex qed jissokta jsostniha anke issa f’din is-sede.

Huwa bil-wisq ovvju illi l-preskrizzjoni nvokata ma ticcentra assolutament xejn, ghar-raguni illi l-Artikolu 2148 (a) tal-Kap 16 jirreferi ghal-lokazzjoni ta’ l-opra li biha l-persuni msemmija f’din id-disposizzjoni jkunu obbligaw ruhhom li jaghtu x-xoghol taghhom (**Kollezz. Vol XXXVIII pII p710**). It-talba tas-socjeta` attrici invece ma hijiex ghal xi bicca xoghol determinata li l-konvenut ikkontratta maghha izda tikkontempla sitwazzjoni ben diversa. Ghalhekk il-preskrizzjoni opposta mill-konvenut appellanti ma hijiex applikabbli u l-aggravju fir-rigward huwa nsostenibbli.

Kwantu ghat-tieni aggravju, jinghad qabel xejn illi kif jirrizulta mis-sentenza appellata l-ewwel Qorti waslet ghal

konvinciment li l-ftehim dwar l-ispazju ghal stand fil-Fiera dwar it-Tigijiet gie konkjuz mal-konvenut personalment f'isem id-ditta tieghu u mhux mal-konvenut f'isem u in rapprezentanza ta' xi socjeta` b'responsabilita` limitata, guridikament distinta mill-membri taghha.

Mill-fatti kif provati u li gew attentament ezaminati din il-Qorti tikkonkorda illi r-relazzjoni guridika li nholqot f'dan il-kaz kienet tirrispekkja l-konkluzjoni li waslet fiha l-ewwel Qorti. Anzi din il-Qorti tissokta tissottometti illi ma tarax kif l-appellanti jista' jkompli jsostni dan l-aggravju meta hu naqas fil-kors tat-trattazzjoni quddiem l-ewwel Qorti li sodisfacentement jipprova dak minnu allegat.

Fir-rigward ta' dan appena premess din il-Qorti taghmel dawn l-osservazzjonijiet agguntivi b'zieda ma' dawk rilevati mill-ewwel Qorti:

(1) L-appellant jghid illi hu ghamel reklam fil-ktieb tal-fiera, presumibilment bl-indikazzjoni ta' isem is-socjeta` tieghu, pero` imbaghad naqas li jesebixxi kopja tieghu.
(2) Ma ssibx plawsibbli l-ispjegazzjoni fornita mill-appellant illi huwa ma ndikax il-kelma "Limited" fuq l-applikazzjoni, mimlija minnu stess, ghax kien spicca l-ispazju fejn seta' jiktibiha. Din mhiex spjegazzjoni fededenja ta' serjeta` u anzi, kwazi kwazi, hi raffront ghall-intelligenza.
(3) Lanqas, imbaghad, ma ssib accettabbli l-ispjegazzjoni, jew ahjar, l-iskuzanti tal-appellanti illi ghax l-awditur tieghu ma attiralux l-attenzjoni ghal mod kif kienet intestata r-ricevuta (fol 21), huwa baqa' passiv ghall-fatt illi socjeta` attrici indikat l-isem tad-ditta u mhux tal-kumpanija tieghu. Certament din ir-ricevuta kienet tali li kellha, jekk xejn, tallarmah illi s-socjeta` attrici kienet qed timxi fuq presunzjoni zbaljata dwar il-kwalita` li fiha hu kien ikkonkluda l-ftehim maghha.

Fil-presenza ta' dawn l-osservazzjonijiet ghandu jinghad illi s-socjeta` attrici appellata kienet ghal kollox gustifikata li tippresupponi u ssostni illi r-rabta kontrattwali saret mal-konvenut personalment u mhux ma' haddiehor. Biex seta' jkun diversament kien jinkombi lill-appellanti li jipproduci

provi konkreti u konkluzivi in sostenn tal-pretensjoni tieghu. Dan minimamament biex jistabilixxi illi dak li kellu almenu jigi prezunt prima facie mic-cirkostanzi materjali li fihom u f'dak il-mument sar il-ftehim kienu jindikaw li l-akkordju ma kienx sar mieghu personalment.

L-appellanti jittanta jfittex espedjenti mill-fatt tal-fattura emessa mis-socjeta` tieghu u mill-fatt tat-tpacija li ghogobha taghmel is-socjeta` attrici. Tpacija li f'kull kaz, fuq il-provi ottenuti, ma setghetx issir mis-socjeta` attrici, kif sewwa rilevat mill-appellanti. Il-kwestjoni pero` ma hijiex din f'dan il-kaz. Dak li kien mehtieg li jigi investigat kellu jikkonsisti biss u sempliciment mill-konsiderazzjoni jekk fil-mument opportun l-appellanti zvelax li kien qed jikkontratta f'isem is-socjeta` tieghu jew le.

Dan ghaliex, kif drabi ohra gie osservat, "hu dak il-mument li kien rilevanti u kien f'dak il-mument illi min innegozja mas-socjeta` attrici kellu jirrileva b'mod car u univoku illi f'dik il-kontrattazzjoni ma kienx qieghed jidher f'ismu imma f'isem persuna ohra ben identifikata. Kellu jassigura li dan il-fatt ikun gie sewwa a konoxxenza tas-socjeta` attrici f'dak il-mument ghaliex altrimenti jkun qed jassumi personalment ir-responsabilita` ghan-negozju minnu kontrattat u ghall-obbligi li kien jimporta" – "**John Vella nomine –vs- Anthony Vella et**", Appell, 3 ta' Dicembru 1999.

Fil-kaz prezenti jghodd ukoll dak rimarkat mill-Qorti tal-Kummerc fid-decizjoni taghha tas-27 ta' April 1992 fil-kawza fl-ismijiet "**Frank Cilia noe –vs- Charles Scicluna**", b'affermazzjoni ta' sentenzi ohra antecedenti, u cjoe illi "hija haga minn lewn id-dinja li bniedem normalment jikkontratta ghalih innifsu sakemm ma jindikax li qieghed jikkontratta f'isem haddiehor jew jekk dan ma jindikax espressament, il-kontraent l-iehor ikun ragonevolment jaf li jkun qieghed jikkontratta f'isem haddiehor. Din il-Qorti jidhrilha li l-konvenut ma rnexxielux jipprova sodisfacentement li hu mhux obbligat personalment li jhallas il-kreditu tas-socjeta` attrici. Fi kliem iehor ma jirrizultax sodisfacentement li meta l-konvenut innegozja mas-socjeta` attrici a tempo vergine

hu gab a konjizzjoni taghha li hu kien qieghed jixtri ghannom u in rapprezentanza tas-socjeta` u li din is-socjeta` biss kienet obbligata ghall-hlas”.

Fic-cirkostanzi tas-suesposti konsiderazzjonijiet ta’ fatt u ta’ dritt anke dan l-aggravju jisthoqqlu li jigi rigettat.

Kwantu ghall-ahhar zewg aggravji li l-Qorti ser tikkonsidra flimkien, apparti dak gja sottomess aktar il-fuq in meritu ghall-provi processwali akkwiziti, mill-kumplament din il-Qorti ma tarax kif dawn il-lanjanzi tal-appellanti jistghu jircievu favur.

Fir-rigward l-appellanti jaghmel bosta supposizzjonijiet dwar inadempjenza kontrattwali li ma jistghux jitqiesu accettabbli. Kien hu li ghazel l-ispazju ghall-istand minn fuq il-pjanta lilu murija mix-xhud Joan Haber (ara deposizzjoni taghha a fol 25). Kien hu li qabbad lix-xhud Benny Zaffarese (fol 27) jarmalu l-istand. Jekk ‘nolens volens’ accetta ghax kien gej il-Ministru (ara xhieda tal-appellant a fol 32) dik affari tieghu izda ma jistghax jippretendi imbaghad li jirrinfaccja lis-socjeta` appellata b’ilment ‘ex post facto’ l-utilizazzjoni tal-istand, minnu stess originarjament accettat bla rizervi jew lanjanzi. Il-Qorti mhiex qeghda hemm biex tiggustifika jew taccetta kwalsiasi pretesti biex dak li jkun ma jhallasx dak minnu dovut. Anke allura dawn l-aggravji jimmeritaw li jigu respinti.

Ghal dawn il-motivi l-appell interpost mill-konvenut appellant qed jigi michud u s-sentenza appellata konfermata, bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-istess appellanti.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------